MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 254/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Agius)**
**Vs.**
**James Demanuele**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kif mizjuda dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

**1) nhar is-27 t'Awissu 2005, ghal habta ta' 13.45hrs fi Triq Le Sengle, gewwa Marsascala, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara volontarja fuq il-vettura Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni HAS 198, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta' Maria Elena Felice minn Marsascala, u kif ukoll hsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Carmelo**

**Felice u Josephine Felice, u dan bi ksur tal-Artiklu 325(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) fis-27 u fit-30 t'Awissu 2005 u fix-xhur ta' qabel dawn id-dati, fl-istess lok hedded bil-mewt lill-istess Elena Maria Felice bil-kliem 'ohrog ha noqtlok…u minn taht idejja tghaddi';**
**3) fl-istess jum, lok u cirkostanzi, u fit-30 t'Awissu 2005, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx bi vjolenza pubblika fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, billi heddidhom bil-mewt, u dan bi ksur tal-Artiklu 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**5) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura KAH 615**
**(a) minghajr ma kienet koperta b'licenzja biex tintuza' fuq it-triq u**
**(b) ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni);**
**6) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**7) sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-2 t'Ottubru 2000, u l-10 ta' Novembru 2004, liema sentenzi kienu kkonfermati mill-istess Qorti.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(bb), 339(e), 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta'Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' w il-hames akkuzi, l-ewwel parti tas-sitt akkuza w illiberatu mit-tieni parti taghha, s-seba' akkuza assorbita fir-raba' w il-hames akkuza, u mhux hati tal-ahhar akkuza w minnha lliberatu, w ikkundannatu ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija li**

**minnhom jitnaqqas iz-zmien illi l-appellant ghamel f ‘arrest preventiv.**
**In oltre qeghdet lill-appellant taht garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9, b’obbligazzjoni li l-appellant ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-kwerelanti Elena Maria Felice u l-familja taghha ghal zmien sena.**
**Skwalifikat lill-appellant milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn (2) mid-data ta’ din is-sentenza.**

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Lulju 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza, billi tilliberah kull fejn sabitu mhux hati, tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-kontravenzjonijiet ta’ theddid verbali, ksur tal-bon ordni, dwar l-akkuza li saq karozza meta ma kinitx koperta b’licenzja biex tintuza fit-triq, li ma obdiex ordni legittima tal-Pulizija, u tibdilha dwar l-akkuza tad-danneggjament volontarju billi teskludi l-aggravanti tal-valur, tibdilha dwar l-attakk u resistenza billi tirrevokaha, w tikkonfermaha dwar it-theddid verbali lejn il-Pulizija previst taht l-artikolu 95, u tirriformaha dwar il-piena, ghar-ragunijiet premessi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat li l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :-** A**. li ma kienx hemm prova tal-“*quantum”* tad-danni. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti qalet li saru *“danni konsiderevoli*” u qalet li Maria Elena Pace kkonfermat l-istima, ghalkemm din ma ghamlithiex hi w ghalhekk ma setghetx tikkonfermaha hi. Lanqas gabet xi prova li hallset skond dik l-istima. L-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi jekk il-hsara qabzitx il-LM50 jew le. L-ahjar ipotesi hi li l-Prosekuzzjoni ppruvat dannu imma mhux il-valur u ghalhekk taqa’ fuq il-minimu. Dan japplika kemm ghall-hsara fil-car ta’ Maria Elena Pace w l-hsara li allegaw li sofrew il-genituri taghha.** B**. Dwar l-attakk u rezistenza, ma rrizulta bl-ebda mod li ntuzat xi forza fuq il-Pulizija. Il-fatt li wiehed ma jissottomettix ruhu ghall-arrest mhux ekwivalenti ghall-attakk u**

**rezistenza, anki jekk jahrab. Ghalhekk hu kellu jinstab hati biss skond l-artikolu 95 tal-Kodiuci Kriminali.**

**Rat illi Dr. Tonna Lowell , ghall-Prosekuzzjoni, aderixxa ma dan l-ahhar aggravju fil-kors tat-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-Ewwel aggravju dan jirrigwarda l-prova li saret dwar id-danni u l-apprezzament tal-Ewwel Qorti dwar x' valur kellhom dawn id-danni.**

**It-tieni aggravju ukoll sa certu punt jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha li kien jirrizulta r-reat ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-**

**provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi dwar l-Ewwel aggravju l-abbli prosekutur Dr. Stephen Tonna Lowell ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar**" [23.9.2005], fejn gie deciz li meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi *benchmark* partikolari stabilit mill-ligi, (ez. Jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew akjtar minn hames mitt lira – artikolu 325 (1) tal-Kodici Kriminali) m' ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx *"tinhtieg hila jew sengha specjali"* [art. 650(1) ta' l-imsemmi Kodici]. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ikkontenda ghalhekk li f' dan l-kaz l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni li l-valur tad-danni kien wiehed bejn il-LM50 u l-LM500.**

**Illi l-abbli difensur kien a sua volta ghamel riferenza ghall-sentenza ohra tal-istess Qorti preseduta mill-istess gudikant moghtija fl-24 ta' Frar, 2003 fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra", **fejn si trattava ta' stima prodotta minn persuna *"ex parte*", li, f' dak il-kaz, kienet xhud, u mhux minn perit nominat mill-Qorti. Dik il-Qorti kienet qalet li fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) tal-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet**

**tal-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, (moqri mall-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F' dak il-kaz peress li ma kienx tqabbad ebda perit, il-Qorti tal-Appell kien sabet htija taht il-paragrafu ( c ) tal-artikolu 325 (1) minnflok taht il-paragrafu (b).**

**Issa fil-kaz in ezami rrizulta bla dubbju ta' xejn li l-*windscreen* tkisser ghax rawh imkisser PS Joseph Agius (fol. 20), WPS 156 Sonya Parascandolo (Fol. 35), PC 1576 Simon Grech (Fol. 51) apparti Maria Elena Felice (Fol. 30) u missierha Carmelo Felice (Fol.45). L-istess appellant jammetti li dan il-*windscreen* tkisser minnu meta waqa' w laqtu b' minkbu (ara stqarrija tieghu a fol. 26). Pero' li dan gara b' incident hu zmentit mhux biss minn Dorienne Felice li ratu jaghtu daqqa ta' ponn fuqu (fol. 49), imma ukoll mix-xhud indipendenti Stephen Said li xehed li ra lill-appellant jifqa' l-*windscreen* b' daqqiet ta' ponn (Fol. 110). Del resto f' dan l-appell, l-appellant mhux qed jikkontesta li hu kisser il-windscreen volontarjament. L-unika kontestazzjoni hi dwar il-valur tal-hsara fl-istess *windscreen.***

Issa din il-Qorti kif preseduta - w li ghandha esperjenza konsiderevoli in materja ta' hsarat f' vetturi - tara li anki jekk stess l-istima tal-prezz tal-*windscreen* wahdu fl-ammont ta' LM85 ma gietx konfermata bil-gurament minn min ghamilha, hija wahda ferm realistika w tirrifletti l-prezzijiet fis-suq ta' *part* simili. Inoltre lanqas trid tkun xi espert partikolari biex tifhem li r-rimpjazzament ta' *windscreen* imkisser li jinkludi mhux biss l-ispejjez tal-*part* imma wkoll tal-*mano d' opera*, ovvjament jeccedi il-*benchmark* minimu tal-hamsin lira Maltin (LM50), biex ir-reat ta' danni volontarji ikun jinkwadra ruhu taht il-paragrafu (b) tal-art. 325 (1). Ghalhekk l-Ewwel Qorti, li x'

aktarx ukoll ghandha esperjenza estensiva fuq l-istess materja, fic-cirkostanzi setghet facilment tistabilixxi hi stess il-valur tal-hsara ghar-rimpjazzament ta’ *windscreen* bhala li jeccedi l-valur ta’ LM50 u dan minghajr l-ghajnuna ta’ xi perizja teknika w anki fl-assenza tal-prova tal-hlas tal-hsara .

**Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.**

Illi dwar it-tieni aggravju, apparti l-fatt li Dr.Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, lealment ikkonceda li hu jaqbel li r-reat ipotizzat taht l-artikolu 96 ta’ attakk u rezistenza ma jirrizultax pruvat imma jirrizulta biss r-reat ta’ ingurji w theddid fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija li kienu marru biex jarrestaw lill-appellant f’ daru, mill-ezami tal-provi fil-process jirrizulta li mix-xhieda ta’ PC 843 Pierre Miceli (Fol. 155), PS 1330 Alexander Schembri (Fol. 157) u PS 100 Terence Azzopardi (fol. 197) li kull ma gara f’ dak l-incident kienet aggressjoni verbali konsistenti f’ theddid u ingurji da parti tal-appellant imma fl-ebda hin ma kien hemm xi aggressjoni, rezistenza fizika jew addirittura attakk fuq il-membri tal-Korp.

**Umbaghad il-fatt li l-appellant “*gave his captors the slip”* billi qalilhom li ser imur igib is-sgarretti w minnflok telaq jigri w harab ghal gol-eghlieqi, dan lanqas ma jammonta ghar-reat kontemplat fl-art. 96 tal-Kodici Kriminali.**

**Kif jghid il Prof. Sir. A. J. Mamo LL.D. Q.C. – (**Notes on Criminal Law **(1955 edit.) Vol. II. p. 55) :-**

*“If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime….The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural*

*instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty.”*

**Ghalhekk dan ir-reat ma jirrizultax u jirrizulta biss ir-reat kontemplat fit-tieni parti tar-raba’ imputazzjoni w cioe’ dak li jaqa’ taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.**

**Ghalhekk dan l-aggravju jidher gustifikat u qed jigi milqugh.**

**Illi ghar-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ta’ tmintax il-xahar prigunerija, din ovvjament trid bil-fors tigi ridimensjonata in vista tal-akkoljiment tal-aggravju imsemmi fil-paragrafu precedenti. F’ dan il-kuntest ta’ piena din il-Qorti, pero’ ma tistax ma tirrimarkax li bil-fedina penali li ghandu l-appellant kif ukoll minhabba n-natura tal-istess reati, hu ghandu jinghata l-piena massima ghar-reati l-ohra li taghhom instab hati. (ara f’ das-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali)** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Keith Galea” **[19.10.2006]).**

**L-appellant gja instab hati mill-Qrati hmistax il-darba, fosthom ta’ tentattiv ta’ serq, ta’ reat kontinwat ta’ serqiet aggravati, diversi drabi gie misjub hati ta’ ksur tal-buon ordni, dagha u hsarat volontarji fuq karozzi w offizi fuq il-persuna w ta’ attakk u rezistenza fuq membri tal-korp tal-Pulizija. Gie misjub hati tar-reat kontinwat ta’ truffa w frodi, sewqan taht l-influwenza ta’ xorb, nuqqas ta’ obbidjenza tal-ordinijiet tal-Pulizija. Instab hatu wkoll ta’ stupru fuq tfajla ta’ hmistax il-sena w korruzzjoni tal-istess.**

**Pero’ dak li jkompli jipprejokkupa lil din il-Qorti hu li din hija t-tielet darba li l-appellant qed jigi misjub hati ta’ reati serji fil-konfont ta’ Elena Maria Felice. Di fatti, fil-1998 kien instab hati li kkagunalha offiza ta’ natura hafifa, imma fil-2004, addirittura nstab hati ukoll li kkagunalha offiza ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ u jniggez u li dahlet f’ wahda mill-kavitajiet tal-gisem kif ukoll li ikkaguna offizi hfief fuq certa**

**Josephine Felice. Apparti liberazzjonijiet kondizzjonati w sentenzi ta' habs sospizi, hu gja gie inkarcerat darbtejn. Minn dan kollu pero' l-appellant jidher li ma tghallem xejn.**

**Jigi osservat li ghad-delitt kontemplat taht l-ewwel imputazzjoni, cioe' dak ta' hsarat volontarji li jeccedu l-hamsin lira Maltin (LM50), il-piena minima hi wahda ta' hames xhur prigunerija w dik massima hija ta' sena prigunerija. Il-piena ghal delitt ta' sewqan bla licenzja w cioe' r-reat kopert bl-ewwel parti tal-hames imputazzjoni hi dik minima ta' multa ta' ghaxar liri u dik massima tal-prigunerija ta' mhux aktar minn tlitt xhur. Il-piena ghar-reat kontemplat fit-tieni parti tar-raba' imputazzjoni li jaqa' taht l-artikolu 95 hija dik stabilita ghar-reati kontravvenzjonali tal-ingurja u/jew ghat-theddida li fil-minimu taghha tista' tkun ammenda u fil-massimu taghha tista' tilhaq xaharejn detenzjoni, skond l-art. 95 (2) (3) u 12 tal-Kap.9. Ir-reati l-ohra li taghhom l-appellant instab hati huma ta' natura kontravvenzjonali b' massimu ta' xaharejn detenzjoni l-wahda. S' intendi, bl-applikazzzjoni tar-regoli tal-konkors skond l-artikolu 17(b) u (d) tal-Kodici Kriminali, tista' tinghata biss il-piena massima ghall-aktar delitt gravi, cioe' dak ta' danni volontarji w mhux aktar minn-nofs il-piena massima tad-delitt l-iehor ta' sewqan bla licenzja tas-sewqan. Ma tinghatax piena ghar-reati kontravvenzjonali skond l-artikolu 17 (d).**

**Fid-dawl tal-dak li ntqal fuq din il-Qorti ghalhekk qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi :-**

**(1) tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet, it-tieni parti tar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda t-theddid bil-mewt ta' ufficjali inkarigati minn servizz pubbliku bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap.9, tal-ewwel parti tal-hames imputazzjoni w tas-sitt imputazzjoni b' dana li din hija assorbita f' akkuzi ohra, fejn illiberat lil-appellant mit-tieni parti tal-hames imputazzjoni ta' sewqan bla ma**

**kien kopert b' polza kontra r-riskji ta' terzi, fejn illiberat lill-appellant mill-addebitu tar-recidiva (kontenut fis-seba' imputazzjoni) w fejn qeghdet lill-appellant taht garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap.9, b' obbligazzjoni li l-appellant ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-kwerelanti Elena Maria Felice u lil familja taghha ghal zmien sena kif ukoll fejn skwalifikat lill-appellant milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn.**

**(2) Tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel parti tar-raba' imputazzjoni ta' attakk u rezistenza taht l-artikolu 96 tal-Kap.12 u minnha tilliberah.**

**(3) Tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena komplessiva ta' tmintax il-xahar prigunerija w minnflok tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' sena, xahar u hmistax il-jum prigunerija li minnhom ikun irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**(4) Tordna li l-periodu tal-garanzija imposta mill-Ewwel Qorti jibda' jiddekorri mil-lum u li l-periodu ta' sentejn tal-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan jibda jghaddi minn nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------